

22000D1109(25)

9.11.2000

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 284/57

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE EHP

Nru 70/1999

tat-2 ta' Ġunju 1999

li temenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim taż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni fl-oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Protokoll 31 għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 27/1999 tas-26 ta' Frar 1999 ⁽¹⁾;
- (2) huwa xieraq illi tiġi estiża l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim sabiex tinkludi attivitajiet tal-Komunità dwar analiżi, riċerka u kooperazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u tas-suq tax-xogħol (Altener II) (Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE) ⁽²⁾;
- (3) l-Protokoll 31 għall-Ftehim għandu jiġi emendat sabiex jippermetti li din il-kooperazzjoni estiża sseħħ sa mill-1 ta' Jannar 1999;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Dan li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 15 tal-Protokoll 31 għall-Ftehim wara l-paragrafu 4:

- “5. L-Istati ta' l-EFTA għandhom, sa mill-1 ta' Jannar 1999, jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Komunità li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 8.
6. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 8 bi qbil ma' l-Artikolu 82(1)(a) tal-Ftehim.
7. L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ fil-kumitat tal-KE li jassisti lill-Kummissjoni tal-KE fl-amministrazzjoni, żvilupp u implimentazzjoni ta' l-attivitajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 8.
8. Il-Partijiet Kontraenti għandhom ifittxu li b'mod partikolari jsaħħu l-kooperazzjoni fil-qafas ta' l-attivitajiet tal-Komunità li jistgħu jirriżultaw mill-att li ġej:
 - **398 L 0171:** Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/171/KE tat-23 ta' Frar 1998 dwar attivitajiet tal-Komunità dwar analiżi, riċerka u kooperazzjoni fil-qasam ta' l-impjiegi u tas-suq tax-xogħol (ĠU L 63, ta' l-4.3.1998, p. 26).”

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-22.6.2000, p. 54.

⁽²⁾ ĠU L 63, ta' l-4.3.1998, p. 26.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-3 ta' Ġunju 1999, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 1999.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit- 2 ta' Ġunju 1999.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO
